MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Numru 876/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**SAMEEH MELLOL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Sameeh Mellol iben Mustafa u Fatima nee' Ahmed, imwieled is-Sirja nhar it-3 ta' Awissu, 1967, residenti fil-fond numru 12, John, Triq Dun Raymond Ellul, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 110 995 (M);

Akkuzat tali nhar it-13 ta' Ottubru, 2004, u fil-jiem ta' qabel, gewwa tas-Sliema, u f'partijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kinux

persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bhala persuna responsabbli ta’ xoghol li kien qed isir gewwa il-post fi Triq Amery, tas-Sliema, u nhawi ohra f’Malta, impjega persuni li ma kinux cittadini ta’ Malta, meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bhala principal jew il-persuna li timpjega persuni ohra full-time, part-time, jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit, jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3A sa 10);

U kif ukoll talli fl-istess data, hin, li, u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskurgani jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel hsara fil-vettura bin-numru DBF 780 tal-marka Opel Astra, proprjeta’ ta’ Anthony Ciappara, minn San Gwann, u dan bi ksur tal-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3A sa 10);
U kif ukoll l-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ma ssibx lill-imsemmi Sameeh Mellol hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant qiegheda tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------